MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 414/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Saviour Agius**

**(ID 203278(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Saviour Agius ta’ 30 sena, iben Carmel u Maria Dolores nee` Borg, imwieled San Giljan, nhar is-16 ta’ Marzu 1978, residenti fil-fond numru 193, Triq Lampuka, Paola, detentur tal-karta tal-identita` numru 203278(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Frar 2004 u matul l-ahhar erba’ xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda, go San Giljan u fi bnadi ohra f’Malta, f’hinijiet differenti:

a) Biegh jew offra li jbiegh droga psikotropika u ristretta (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza *methylenedioxyamphetamine* li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) Kellu fl-istess zmien, data u cirkostanzi fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fl-istess zmien, data u cirkostanzi fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d) Ukoll talli nhar it-12 ta’ Frar 2004 gewwa Rahal Gdid kellu fil-pussess tieghu r-raza

> mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza, mill-Qorti kif diversament presjeduta sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, f'dan il-kaz, l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta gie esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014[1] u dan wara li l-Qorti, kif diversament preseduta, gibdet l-attenzjoni tal-

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta, a fol. 45 tal-process u l-ordni msemmi, a fol. 46 u 47 tal-process.

Prosekuzzjoni, diversi drabi li dawn ma kinux jinsabu fil-process.[2] Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, qabel ghalhekk ma gie esebit l-istess ordni, id-difiza rrilevat li kienet qeghda toggezzjoni ghall-prezentata tal-istess u dan stante li l-Prosekuzzjoni diga` kienet ghalqet il-provi taghha fit-18 ta' Gunju 2010 (a fol. 31 tal-process) u li ghalhekk ma kienx permess lilha, f'dak l-istadju li tressaq izjed provi. Anzi, skond id-difiza, dan l-ordni kellu jigi pprezentat fil-bidu tal-proceduri u ghalhekk fin-nuqqas tal-istess, il-proceduri kienu u ghadhom nulli u monki *ab initio.* Fit-trattazzjoni finali taghha, imbaghad, id-difiza regghet issollevat dan il-punt u eccepiet in-nullita` tal-atti ghaliex, fil-fehma taghha, l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kap. 101 u tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jigi esebit fil-bidu tal-proceduri.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1996, fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs George Mifsud**, f'liema kaz, l-ordni li gie originarjament esebit meta l-akkuzat gie prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm kien jindika l-isem korrett tal-appellant, ma kienx jindika l-konnotati korretti tieghu. In succint, skond l-appellant allura, l-ordni tal-Avukat Generali esebit quddiem il-Qorti mal-prezentata tieghu, fis-26 ta' Marzu 1993, kien jirreferi ghal persuna b'generalita` diversa minn dik tal-appellant u ma kienx jirreferi ghall-appellant. Skond l-appellant, il-Pulizija ghalhekk ma kellhiex ordni mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, biex tressqu quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fin-nuqqas ta' dak l-ordni, il-Pulizija ma setghetx tipprocedi kontrih u minghajr din l-ordni, proceduri legali u procedurali semplicement ma jistghux jinbdew. Skond l-appellant, ghalhekk, meta l-pulizija tressaq persuna quddiem il-Qorti akkuzata bi ksur tal-Kap. 101, minghajr ma tkun munita b'dik l-ordni mahruga debitament skond il-ligi mill-Avukat Generali, il-procedura legali hija nulla u bla effett fil-ligi.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-konsiderazzjonijiet taghha, irreferiet kemm ghat-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghal

[2] Ara l-verbal tas-seduti tal-21 ta' Marzu 2011 (a fol. 33 tal-process), tas-7 ta' Lulju 2011 (a fol. 34 tal-process), tat-3 ta' Frar 2012 (a fol. 35 tal-process), tat-2 ta' Mejju 2012 (a fol. 37 tal-process) u tal-4 ta' Frar 2013 (a fol. 40 tal-process).

dak Ingliz li skond l-istess Qorti jispjega car u minghajr ebda possibilita` ta' dubbju, verament x'inhu qieghed jigi provdut mil-ligi. It-test Ingliz kien jaqra hekk:

"*Every person charged with an offence against this ordinance* __*shall be tried*__ *in the Criminal Court or before the Court of Magistrates of Judicial Police as the Attorney General may direct ….".*[3]

Il-Qorti kompliet hekk f'dan ir-rigward:-

"Ghal din il-Qorti huwa ovvju illi il-figura tal-Avukat Generali u l-funzjoni tieghu tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali taht il-Kap. 101 izda bhala pre-rekwizit ghal dik li hija ix-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz."

Il-Qorti mbaghad rreferiet ghal disposizzjonijiet li jinsabu f'ligijiet differenti biex turi d-differenza li tezisti bejn il-kaz kif regolat taht l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-kazijiet l-ohra fejn il-figura tal-Avukat Generali temergi mill-ewwel bhala pre-rekwizit sabiex il-proceduri jkunu jistghu jigu istitwiti. Hekk per ezempju, qalet dik il-Qorti, taht il-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirregola il-Kontroll fuq il-Kambju, skond l-Artikolu 43, "ma ghandhom isiru ebda procedimenti ghar-reat kontra dan l-Att hlief bil-kunsens tal-Avukat Generali".

Il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

"… huwa ovvju li f'kull kaz dak li l-ligi trid u qed timponi huwa illi qabel ma jkunu jistghu __jinbdew il-proceduri__, huwa rikjest sine qua non il-permess jew l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali …

L-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 ma jghidx hekk. Dak li dan is-sub-artikolu jippreciza huwa illi il-Qorti li eventwalment sejra tiddeciedi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-kap, ma jaghziliex l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Ghal din il-Qorti jekk wiehed jara it-

---

[3] Illum it-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jghid hekk: "Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond kif jordna l-Avukat Generali …", fil-waqt illi t-test Ingliz jaqra hekk: "*Every person charged with an offence against this ordinance shall be tried in the Criminal Court or before the Court of Magistrates (Malta) or the Court of Magisrates (Gozo), as the Attorney General may direct*".

test Malti u specjalment it-test Ingliz, dak li hemm previst f'dan is-sub-artikolu huwa illi f'kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, meta jittiehdu proceduri – u dawn jittiehdu mill-Pulizija li m'ghandhiex bzonn il-kunsens tal-Avukat Generali biex tibdihom – u jigu kompilati l-atti, ix-xelta dwar liema Qorti sejra tiddeciedi l-kaz, ma tispettax lill-akkuzat jew l-imputat bhal f'hafna kazijiet ohra, imma tispetta esklussivament lill-Avukat Generali …

Fil-fehma ta' din il-Qorti id-disposizzjoni kontenuta fis-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101, hija kompletament differenti minn dik kontenuta fl-artikoli l-ohra tal-ligijiet differenti li ssemmew aktar il-fuq, minnfejn jidher car li f'dawk il-kazijiet il-Pulizija m'ghandhiex id-diskrezzjoni illi tmexxi kaz quddiem Qorti ta' kompetenza Kriminali minghajr ma qabel ikollha il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali …

Din il-Qorti fir-rigward tikkonfessa li ghal mument kellha xi ftit tad-dubju minhabba li s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 juza il-kliem "ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja". Pero` dan id-dubbju gie eliminat wara li kkonsidrat fl-ewwel lok it-test ingliz li kif jinghad juza l-kliem "<u>shall be tried</u>" u it-tieni, illi anke fit-test Malti l-istess sub-artikolu jibda bil-kliem "<u>kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-ordinanza</u>". Dan igib lil din il-Qorti ghal unika konkluzjoni plawsibbli fit-termini ta' dan is-sub-artikolu, u cioe`, li ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali ma hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija id-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali li jiddeciedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi gudikat l-istess imputat."

Dan ifisser li n-nuqqas da parti tal-istess Prosekuzzjoni illi tesebixxi l-ordni tal-Avukat Generali fil-bidu tal-proceduri, ma jgibx in-nullita` ta' dawn il-proceduri, ghaliex kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-bran citat, il-proceduri taht il-Kap. 101 jinbdew mill-Pulizija minghajr il-htiega ta' ebda awtorizzazzjoni jew kunsens da parti tal-Avukat Generali. Dan naturalment japplika wkoll ghall-imputazzjonijiet mressqa kontra l-imputat taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet, fir-rigward ta' liema d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali tohrog mill-Artikolu 120A(2) tal-istess Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa identiku ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz, il-prezentata tal-ordni fl-istadju finali tal-proceduri, esebit waqt is-smiegh tal-kawza fil-presenza kemm tal-imputat, kif

ukoll tal-avukat difensur, ma ppregudikat bl-ebda mod lill-imputat. Din ma kinitx xi prova gdida li ghalhekk kellha tingieb fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni jew xi cirkostanza li biddlet il-posizzjoni jew li zvantaggat b'xi mod lill-imputat li, kien u baqa' akkuzat bl-istess imputazzjonijiet mill-bidu sal-ahhar.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tan-nullita` tal-proceduri sollevata mid-difiza.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat jinsab akkuzat permezz tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, bir-reati ta' traffikar, pussess bl-aggravanti u pussess semplici tal-*ecstasy* rispettivament u permezz tar-raba' imputazzjoni, bil-pussess semplici tar-raza tal-pjanta *cannabis*. Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, jikkonsistu fix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud li xehed darbtejn[4] u li jghid x'kien li wassal ghal dan il-kaz, stqarrija rilaxxjata mill-imputat[5], ix-xhieda ta' PC 451 Aaron Bugeja[6] ossia x-xhud ta' din l-istqarrija u process verbal li jikkontjeni xhieda guramentata ta' diversi persuni ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[7]. L-ebda wiehed minn dawn il-persuni ma gie prodott mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

Fix-xhieda tieghu[8], **l-Ispettur Josric Mifsud** xehed illi nhar it-12 ta' Frar 2004, waqt illi l-Magistrat Inkwirenti kienet qeghda tisma' xhieda ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ta' certu Tyron Fenech, irrizulta skond din l-istess xhieda, illi certa Jacqueline Fenech kienet involuta fit-traffikar tad-droga. Skond l-istess xhud, dak il-hin stess, il-Magistrat Inkwirenti ordnat il-hrug ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Jacqueline Fenech. Flimkien ma' ufficjali ohrajn, l-Ispettur Mifsud mar gewwa r-residenza ta'

---

[4] A fol. 10 *et seq* tal-process u a fol. 22 *et seq* tal-process.
[5] Esebita a fol. 25 u 26 tal-process.
[6] L-istess Ufficjal ukoll xehed darbtejn f'dawn il-proceduri, ossia a fol. 16 tal-process u a fol. 19 tal-process.
[7] A fol. 30 tal-process.
[8] A fol. 22 *et seq* tal-process.

Fenech ossia 193, Triq il-Lampuka, Paola, fejn hemmhekk instabet sustanza suspettata *cannabis*, li minn investigazzjoni ulterjuri, rrizulta li kienet tal-imputat odjern.

Sussegwentement, l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija ttiehdet wara li l-istess imputat inghata s-solita twissija ossia li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova.[9]

Jibda biex jinghad illi l-imputat qatt ma kkontesta l-volontarjeta` jew il-validita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu. Ghalkemm huwa rrilaxxja din l-istqarrija fi Frar tas-sena 2004, u ghalhekk qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 35/2010, fl-ebda stadju, lanqas matul dawn il-proceduri, ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha *in toto* jew *in parte.* Dan ifisser illi l-imputat stess ma kienx qed ihossu li tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, fuq kollox, ghamilha liberament. Irid jinghad ukoll ghal kull buon fini, illi fiz-zmien li huwa rrilaxxja din l-istqarrija, l-imputat kellu 25 sena u l-fedina penali tieghu lanqas ma kienet xi wahda netta. Anzi sad-data li fiha huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, huwa kien diga` nstab hati *inter alia* ta' serq aggravat f'zewg okkazzjonijiet, hsara volontarja, pussess semplici ta' droga eroina (f'zewg okkazjonijiet), *ecstasy* u raza mehuda mill-pjanta *cannabis*.[10] Ghaldaqstant fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, inkluz dik fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** tat-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti tqis din l-istqarrija bhala prova ammissibbli.

Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi jekk kienx rega' beda juza xi droga, l-imputat iwiegeb fl-affermattiv u jirreferi ghall-*ismoke* u jghid ukoll illi xtara l-*ecstasy* xi ghaxar darbiet. Mistoqsi meta l-ahhar xtara *ecstasy*, l-imputat jghid illi nhar it-Tnejn, Jacqueline u hu xtraw ghoxrin pillola *ecstasy* – ghaxra Mitsubishi u

[9] A fol. 25 u 26 tal-process.

[10] F'dan il-kuntest, ghalkemm il-fedina penali li tinsab esebita fl-atti (a fol. 4 *et seq* tal-process) hija aggornata sat-13 ta' Ottubru 2008, il-Qorti kkunsidrat biss ir-reati li dwarhom l-imputat gie kkundannat sad-data li fiha giet rilaxxjata l-istqarrija tieghu.

ghaxra Euros. Jghid illi ma kellhomx flus biex imorru ghall-*party* u ghalhekk gabu dawn il-pilloli biex ikunu jistghu jitilghu l-*party*. Minnhom, huwa ha tnejn u ma kienx jaf haditx tnejn ohra Jacqueline. Imbaghad, l-ohrajn bieghuhom – erba’ Liri lill-hbieb u hames liri lil min ma kinux jafu. Jghid illi huwa kien ilu juza l-*ecstasy* minn tliet gimghat wara li beda l-programm. Mistoqsi dwar il-bicca raza tal-*cannabis* li nstabet fil-post fejn jghix, huwa jghid li l-haxixa hija tieghu personali. Mistoqsi kienx lest jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li din hija l-verita` kollha.

L-atti tal-process verbal imsemmi izjed ‘il fuq, jinkludu l-istqarrijiet rilaxxjati minn Jacqueline Fenech, kif ukoll ix-xhieda guramentata taghha a tenur tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn ikkonfermat dawn l-istqarrijiet u x-xhieda guramentata ta’ Tryon Fenech, Josianne Azzopardi u Dominic Camilleri.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Mejju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, intqal hekk:

*“Issa, huwa principju generali li “…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce” (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta’ ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-**Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta’ Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f’xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta’ akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta’ meta xhud jinstema’ f’daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta’ xhieda permezz ta’ rogatorji u ta’ xhieda li jinstemghu f’darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed*

*jipprovdi ukoll eccezzjoni, <u>pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[11] ta' l-istess Kodici</u>. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. … bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.[12]"***

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha…"*.

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

[11] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

[12] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*"Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati."*

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn inghad illi:

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce … hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."*

F'dan il-kaz, Jacqueline Fenech baqghet ma gietx prodotta mill-Prosekuzzjoni bhala xhud f'dawn il-proceduri, kif del resto lanqas ma gew prodotti x-xhieda l-ohrajn imsemmija izjed 'il fuq. Ghalkemm fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ix-xhieda guramentata ta' Jacqueline Fenech m'hijiex ghal kollox l-unika prova jew dik il-prova determinanti li tista' twassal ghall-htija tal-imputat, biss fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u kif ser jigi spjegat izjed 'l isfel, l-istqarrija tal-imputat wahedha ma twassalx lill-Qorti sal-konvinciment morali dwar il-htija tieghu in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni kif dedotta u

ghaldaqstant, f'dan is-sens, ix-xhieda guramentata ta' Fenech tista' tkun prova determinanti. In oltre ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-istess Fenech ma tressqitx bhala xhud f'dawn il-proceduri ghaliex ma setghetx tinstab jew ghaliex halliet din id-dinja u tenut kont tar-regola kif spjegata fil-brani fuq citati, illi min ikun ghamel stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-imputat, il-Qorti qed tiskarta x-xhieda tal-istess Fenech. Fir-rigward tax-xhieda l-ohrajn, fid-dawl ta' din ir-regola, il-Qorti qeghda wkoll tiskarta x-xhieda taghhom, ghalkemm irid jinghad ukoll illi x-xhieda ta' Josianne Azzopardi u Dominic Camilleri b'mod partikolari, hija kompletament irrelevanti ghal dan il-kaz.

Fin-nuqqas ta' provi ohrajn, jibqa' ghalhekk li l-Qorti tezamina dak li qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu. L-istqarrija in kwistjoni giet rilaxxjata nhar it-13 ta' Frar 2004 u f'dan ir-rigward il-Qorti qeghda tiehu *judicial notice* tal-fatt illi dan kien il-jum tal-Gimgha. Isegwi illi t-tfittxija fir-residenza ta' Jacqueline Fenech, kif xehed l-Ispettur Mifsud, saret il-Hamis, 12 ta' Frar 2004. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi l-ahhar li xtara *ecstasy* kien nhar it-Tnejn u li dakinhar Jacqueline u hu xtraw ghoxrin pillola u li huma gabu dawn il-pilloli biex ikunu jistghu jitilghu l-*party*. Minnhom huwa ha tnejn (ma jafx jekk Fenech kinitx hadet xi tnejn ukoll) u l-ohrajn bieghuhom.

Dwar id-dikjarazzjoni tal-imputat li l-ahhar li huwa xtara *ecstasy* kien nhar it-Tnejn, tenut kont tal-fatt illi l-istqarrija giet rilaxxjata fil-jum tal-Gimgha, dan ifisser illi l-imputat xtara l-*ecstasy* fid-9 ta' Frar 2004. Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi m'hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tasal ghal xi konkluzjoni ohra hlief din dwar id-data tal-akkwist u dan anke ghaliex, li kieku l-imputat ried jirreferi ghal xi jum tat-Tnejn iehor li ma kienx it-Tnejn ta' qabel l-istqarrija, huwa ma kienx jghid sempliciment 'Nhar it-Tnejn' izda kien jirreferi per ezempju ghal gimgha ta' qabel jew ghal xi zmien iehor. Madankollu, l-imputat kien specifiku u irrefera ghal jum imsemmi u dan proprju ghaliex kien jahbat fl-istess gimgha li ttiehdet l-istqarrija.

L-imputat jghid ukoll illi huma xtraw dawn il-pilloli biex ikunu jistghu jmorru l-*party*. Stante illi skond ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, il-mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Fenech gie esegwit fit-12 ta' Frar 2004 u stante illi l-imputat jitkellem fil-plural – ossia jirreferi ghalih u ghal Fenech bhala l-persuni li xtraw u li bieghu l-pilloli in kwistjoni – isegwi illi dan il-*party* li huwa jabbina mal-pilloli fl-istqarrija tieghu, sehh bejn id-9 ta' Frar 2004 (il-jum tal-akkwist) u l-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Frar 2004. Proprjament l-imputat ma jghidx fl-istqarrija tieghu meta nbieghu dawn il-pilloli u cioe` jekk hux waqt il-*party* jew qabel, izda jghid illi huma ma kellhomx flus biex imorru l-*party* u ghalhekk gabu l-pilloli biex ikunu jistghu jitilghu l-*party* u ghalhekk x'aktarx li nbieghu qabel. In oltre, lanqas ma jirrizulta mill-istqarrija meta sar il-*party* in kwistjoni. F'dan ir-rigward wiehed jista' biss jassumi illi l-*party* sar fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2004 jew fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 ghaliex l-10 ta' Frar tahbat festa pubblika u huwa normali li jsiru *parties* f'dawn il-jiem. Biss fil-kamp penali, wiehed ma jista' jassumi xejn u stante li l-imputazzjoni tirreferi ghal-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel, mentri seta' kien il-kaz illi l-*party* sehh fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Frar 2004, lejl li mhux kopert fl-ewwel imputazzjoni u allura seta' wkoll kien il-kaz illi l-bejgh tal-pilloli sar f'dan il-lejl jew ftit qabel, il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-bejgh tal-pilloli in kwistjoni sehh fil-perjodu indikat fl-imputazzjoni odjerna. Ghaldaqstant, ma tistax issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tieghu.

Biss fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c), ossia l-pussess aggravat u semplici ta' medicina psikotropika u ristretta - u l-pilloli *ecstasy* huma certament psikotropici u ristretti - jirrizulta car mill-istess stqarrija, illi l-imputat flimkien ma' terza persuna, fid-9 ta' Frar 2004 xtara ghoxrin pillola *ecstasy* li ma kinux intizi lkoll ghall-uzu personali tieghu, tant illi kif inghad izjed 'il fuq, tnejn hadhom hu, Fenech hadet xi tnejn ohra (ghalkemm dwar dan l-ammont ma kienx cert) u l-bqija gew mibjugha minnhom lil terzi persuni. Anke l-ammont ta' ghoxrin pillola, fih inniffsu, huwa ammont pjuttost sostanzjali u ma jhalli l-ebda dubju illi dawn ma gewx akkwistati ghall-uzu esklussiv tal-imputat u ta' Fenech. Jirrizulta wkoll illi l-jum tad-9 ta' Frar 2004 huwa fil-parametri taz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerna.

Dwar il-punt issollevat mid-difiza, fis-sens illi fil-proceduri ma gew esebiti l-ebda pilloli li jistghu jissostanzjaw l-imputazzjonijiet odjerni, jirrizulta illi f'dan il-kaz dawn il-pilloli gew ikkunsmati jew mibjugha lil terzi persuni. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir- raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni."*

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**.

F'dan il-kaz, din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien xtara u abbuza mill-pilloli *ecstasy*, kif jammetti huwa stess fl-istqarrija tieghu, meta jghid illi kien xtara l-*ecstasy* xi ghaxar darbiet u li kien rega' beda juza l-*ecstasy* tliet gimghat wara li hareg mill-programm, apparti illi huwa stess kien ikkonsma mill-pilloli li kien xtara t-Tnejn ta' qabel u li minnhom sussegwentement, biegh lil terzi persuni u ghalhekk l-imputat kien jaf ben tajjeb x'inhuma pilloli *ecstasy.* Ghaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-pilloli in kwistjoni kienu effettivament pilloli *ecstasy.*

Fir-rigward tal-addebitu tar-reat kontinwat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, liema addebitu inghata dwar l-imputazzjonijiet (a), (b) u (c), il-pussess bl-aggravanti tal-pilloli *ecstasy* jirrizulta biss f'okkazzjoni wahda u ghaldaqstant, ma jistax jinghad illi r-reat kien wiehed kontinwat. Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), imbaghad, apparti l-konsum tieghu ta' zewg pilloli, kif inghad izjed 'il fuq, ghalkemm l-imputat fl-istqarrija tieghu, jammetti li xtara l-*ecstasy* xi ghaxar darbiet u jghid ukoll illi huwa rega' beda juza l-*ecstasy* tliet gimghat wara li hareg mill-programm, ma jirrizultax meta huwa hareg mill-istess programm u jekk dan l-uzu tal-pilloli *ecstasy* da parti tieghu, sehhx fl-erba' xhur ta' qabel il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004. Ghalkemm fix-xhieda tieghu[13], l-Ispettur Josric Mifsud jghid illi l-imputat, fil-kors tal-istqarrija tieghu, qal li kien ghadu kif hareg mill-programm, dan ma jirrizultax mill-istess stqarrija u m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li dan id-diskors intqal mill-imputat <u>wara</u> li huwa nghata t-twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket. Ghalhekk anke fir-rigward tal-imputazzjoni (c), ma jirrizultax ippruvat illi r-reat kien wiehed kontinwat fil-parametri taz-zmien ta' din l-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (b) u (c) gew ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi, salv illi r-reati in kwistjoni m'humiex qeghdin jigu meqjusa bhala reati kontinwati.

[13] A fol. 10 tal-process.

Jonqos biss illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjoni (d) li tikkontempla r-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* fit-12 ta' Frar 2004, gewwa Rahal Gdid. Fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Jannar, l-Ispettur Josric Mifsud jghid illi waqt tfittxija gewwa fond fi Triq il-Lampuka, Rahal Gdid, fil-kamra tas-sodda instabet bicca sustanza suspettata raza tal-*cannabis.*[14] Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi jekk kienx rega' beda juza d-droga, l-imputat jirreferi *inter alia* ghall-i*smoke* u mistoqsi dwar ir-raza tal-*cannabis* li nstabet waqt it-tfittxija, huwa jghid illi din (li jirreferi ghaliha bhala haxixa) hija tieghu. Ghalkemm lanqas din is-sustanza ma giet esebita mill-Prosekuzzjoni, a bazi tas-sentenza fuq citata u tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula li japplikaw bl-istess mod anke fir-rigward ta' din is-sustanza, il-Qorti hija sodisfatta, fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu, illi din l-imputazzjoni giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputat kif aggornata sat-13 ta' Ottubru 2008, kienet tikkonsisti *inter alia* f'sejbien ta' htija rigward griehi ta' natura hafifa (f'zewg okkazzjonijiet), serq aggravat (fi tliet okkazzjonijiet), hsara volontarja (f'zewg okkazzjonijiet) u pussess semplici tal-eroina (f'erba' okkazzjonijiet), *ecstasy* u raza tal-*cannabis* (f'zewg okkazzjonijiet), dwar liema l-imputat inghata pieni pekunjarji, liberazzjoni kundizzjonata fi tliet okkazzjonijiet, Ordni ta' *Probation* f'zewg okkazzjonijiet u sentenza ta' prigunerija sospiza.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, inkluz l-ammont ta' pilloli *ecstasy* involuti.

Ikkunsidrat ukoll illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija tieghu u li jekk minn din l-istqarrija ma

[14] A fol. 10 tal-process.

hargux certi dettalji, dan kien dovut ghan-nuqqas tal-Ufficjal Investigatur li jaghmel id-domandi pertinenti. In oltre tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg gradi, rez applikabbli fil-kaz odjern, permezz tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.[15]

Qieset ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (c) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (b). In oltre fir-rigward tal-imputazzjoni (d), stante illi l-piz tar-raza tal-*cannabis* ma jirrizultax, id-dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta dwar din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Frar tas-sena 2004 u li l-kawza bdiet tinstema' f'Jannar tas-sena 2009, wara li c-citazzjoni odjerna giet ipprezentatha fit-28 ta' Ottubru 2008. Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Gunju tas-sena 2010, fil-waqt illi d-difiza ghalqet il-provi f'Mejju tas-sena 2012. Sussegwentement, il-kawza giet differita diversi drabi sabiex jigi esebit l-ordni tal-Avukat Generali u ghat-trattazzjoni finali u kien biss f'okkazzjoni wahda li fiha jirrizulta li l-imputat kien gie notifikat, izda ma deherx u fit-tliet okkazzjonijiet ohrajn li fihom l-imputat naqas li jidher, ma jirrizultax illi huwa kien gie notifikat sabiex jaghmel dan. Veru li nghataw zewg differimenti f'Mejju u f'Lulju tas-sena 2014 fuq talba tad-difiza, izda zgur li ma jistax jinghad illi d-dewmien fil-maggor parti tieghu kien dovut ghal xi nuqqas da parti tal-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-

[15] Ara l-verbali a fol. 9 u 21 tal-process.

Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tieghu u tal-addebitu tal-kontinwita` tar-reati ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) u tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c) (bir-reat fl-imputazzjoni (c) assorbit fl-imputazzjoni (b)), ghal piena ta' **tmien (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' tmien mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Madankollu, jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), tikkundanna lill-hati ghall-**penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------